# IL-PAPA MONTINI: SAN PAWLU VI



Il-Papa San Pawlu VI marbut ħaġa waħda mal-Knisja tas-seklu XX. Kien hu li wassal il-Konċilju Vatikan II sat-tmiem tiegħu. Papa Montini kien laħaq Ragħaj tal-belt metropoli ta' Milan f'Jannar 1955. Ftit wara din id-data kien beda l-boom ekonomiku f'dik il-belt industrijali. Fi ftit snin il-popolazzjoni ta' Milan kienet kibret b'25 fil-mija.

Milan ta' żmien il-Kardinal Montini kienet iċ-ċentru tal-gazzetti, tal-pubblikazzjoni tal-kotba u tal-industrija. Meta bħala Kardinal tela' Milan bil-karozza, xħin daħal fil-konfini tad-djoċesi tiegħu huwa ħareġ mill-karozza u niżel bies l-art. L-ewwel żjajjar pastorali kien għamilhom fl-istabbilimenti industrijali ta' Milan.

Tagħlima kbira li jagħtina Pawlu VI għal żmienna hija li huwa bena kuntatt mal-komunisti u l-kapitalisti, mal-estremi ideoloġiċi u soċjali li kienu jeżistu dakinhar. Kien jemmen li l-kultura taż-żmien mhux niddemonizzawha rridu, imma "ngħammduha" bil-Vanġelu. Saħaq fuq li rridu nitgħallmu nitolbu sewwa. Dejjem żamm lil Kristu fiċ-ċentru ta' kollox. Kien iħobb jgħid, "O Kristu int meħtieġ, aħna neħtiġuk."

Montini kien ilu Papa mill-21 ta' Ġunju 1963, meta f'Ġunju 1967 huwa ta t-titlu ta' Bażilika minuri lill-Knisja Parrokkjali tagħna ta' San Pietru u San Pawl. It-titlu tal-Bażilika huwa rikonoxximent li l-post qaddis jiġbed lin-nies għat-talb, li għandu storja li tkompli, ta' fidi x'jirrakkonta, u li huwa mogħni b'opri li jgħaxxqu l-għajn u li jerfgħu l-qalb lejn il-Ħallieq.

Nitolbu biex meta tiftaħ il-knisja, mill-ġdid nagħmluha l-post qaddis li jiġborna madwar Kristu, li mbagħad jibgħatna nkunu Knisja skont qalbu fid-djar tagħna.

***L-Arċipriet***

**Nitolbu għad-djaknu Mario Mercieca li ser jiġi ordnat saċerdot nhar il-Ġimgħa 19 ta' Ġunju u għas-seminarista Andrew Grima u Fra Etienne Gilson li ser jiġu ordnati djakni. Id-djaknu Mario u s-seminarist Andrew taw is-servizz tagħhom fil-parroċċa tagħna. Niftakru fihom fit-talb tagħna.**





